# Is-Santwarju u l-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana


**Uffiċċju** 196, Triq il-Għajn, Il-Fontana, FNT 9026
**Telefon** 21556097 (uffiċċju) | 79093699 (kappillan)
**Imejl** fontanaparish@gmail.com **Websajt** www.qalbtagesu.com
*Facebook* 'Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana'
*Live-streaming* Paġna *Facebook* 'Radju Sacro Cuor'
**Radju** Radju Sacro Cuor 105.2FM



***Il-Bullettin tal-Ħadd***
***14 t'April 2024***


## Mill-ġdid fostna!



Ir-relikwija tal-Beatu Carlo Acutis ser terġa' tkun magħna **mill-Ġimgħa 26 sal-Ħadd 28 t'April**. Inħeġġiġkom biex mhux biss titolbu l-interċessjoni tiegħu, imma fuq kollox, tfittxu timitaw dak li dan l-adolexxent irnexxielu jgħix f'età tant żgħira. Grazzi lill-Patrijiet Franġiskani li ser iwasslulna din ir-relikwija għażiża.

**Tberik.** Għada t-Tnejn intemmu t-tberik fid-djar. Grazzi lil dawk il-familji li laqgħuni biex inwasslilhom il-barka tal-Irxoxt. Kienet esperjenza li għallmitni ħafna u li kompliet torbotni magħkom. Kollha kemm intom, l-iktar intom li għaddejjin minn żmien diffiċli, qed tkunu f'talbi.

*Il-Qalb ta' Ġesù tberikkom u Sant'Andrija jħariskom. Il-Kappillan.*

***Burger Night*** miż-żgħażagħ fis-sala, is-Sibt li ġej wara l-Quddiesa. Kellmu lil Jake 79558916 jew lil Franklin 79230907 għal dettalji u *booking*.

**Reklami fir-rivista**: l-aħħar sejħa għal min jixtieq jirreklama fir-rivista tal-festa. Kellmu malajr lil Lydia Curmi 99403769 għal iktar dettalji.

**Tombla** b'riżq il-Parroċċa t-Tnejn 22 t'April, fis-sala. Fis-7.30pm l-ewwel tombla. L-aħħar tombla mhux inqas minn €100. L-għotja ta' €12 tinkludi t-tombla, pizza, kafè jew tè u deżerta. *Booking ma'* John Theuma 99228190 jew lil Giovanna Farrugia 79317951.

**Ġabra għan-nar.** Fil-jiem lil ġejjin membri tal-Għaqda tan-Nar Fontana ser jgħaddu jiġbru bieb bieb għan-nar tal-festa. Grazzi tal-għajnuna.

**Nifirħu** ma' **Matthias Pavia Watt,** iben Lance u Stephanie, li rċieva l-Magħmudija fis-Santwarju tagħna.

## Radio Sacro Cuor 105.2FM

### 25 sena ta' servizz dejjem attwali

Fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju, il-Parroċċa ħasbet għal logo ġdid, li ġie maħluq u rregalat minn Joseph Cauchi mgħejjun minn Noel Debono. Fiċ-ċentru tal-logo nsibu *l-Qalb ta' Ġesù* għax hi "ċentru tal-qlub kollha", kif inkantaw fl-Innu l-Kbir. *Il-frekwenzi tondi* juru l-missjoni tar-radju li jkompli jgħin lil din il-Qalb twassal imħabbitha, li ġiet mogħtija lilna b'xejn fuq is-*Salib*, fil-qlub tas-semmiegħa. Minħabba din il-missjoni ħajja, il-*frekwenza 105.2FM* qed tiġi ppreżentata b'dak l-istess sinjal li fid-dinja medika juri qalb ħajja. Ir-radju jgħin ukoll il-missjoni tas-*Santwarju* illi jkun xandâr tal-Kelma t'Alla u kenn għal kull min jeħtieġ il-wens tal-Qalb ta' Kristu. L-artist juri l-knisja bħallikieku qed narawha mill-bieb tal-istudjows tar-radju. Nibqgħu nsostnu *Radio Sacro Cuor* waqt li nroddu ħajr lil dawk kollha li, tul dawn il-25 sena sal-lum, taw sehemhom fix-xandir, fit-tmexxija u fil-finanzjament ta' dan ir-radju.

**Providenza.** NN (Victoria) **ċurkett**, NN **€50**, NN **€30** *b'ħajr lill-Qalb ta' Ġesù;* NN **€50**, Fam. Pavia **€50** u NN **€20** *għall-knisja.* Grazzi mill-qalb.

### It-Tielet Ġimgħa tal-Qalb ta' Ġesù



| | |
|---|---|
| 7.00am | Fam. Zammit |
| 11.30am | Pawla, Karmnu, Ġużi Borg |
| 7.00pm | Ġużepp Mizzi, Marija Borg u bżonnijiet fam. Mizzi |
| 9.00pm | Ċelest u Ġorġa Debrincat |

***Adorazzjoni mis-7.30am sas-7.00pm.*** *Il-Quddiesa tas-7.00pm titmexxa minn* ***Dun Daniel Grech****. Grazzi lil min offra €60 għall-fjuri u €60 għall-organista u l-predikatur.*

### Intenzjonijiet tal-Quddies: tal-ġurnata *u tal-11.30am*

| | tal-ġurnata | *tal-11.30am* |
|---|---|---|
| It-Tnejn 15 | Alfred Buttigieg, George u Mary Attard | *Frenċ Cini, Maria Mangion u fam.* |
| It-Tlieta 16 | Franġisk u Maria Stella Xuereb | *Pawla Cauchi u fam; erwieħ ta' qiegħ il-baħar* |
| L-Erbgħa 17 | Maria Borg u l-fam. | *Fam. Custò* |
| Il-Ħamis 18 | Toni u Ġorġa Cassar | *Ġorġ, Ġużeppa Schembri u fam.* |
| Il-Ġimgħa 19 | **ara fuq** | **ara fuq** |
| Is-Sibt 20 | Toni, Ġolina Schembri u fam. | --- |
| Il-Ħadd 21 | Mons. Tumas Curmi u fam. | ***10.30am:*** *għall-poplu tagħna* |